MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 79/1999/1

Anthony sive Tony Attard .

vs

Francis sive Frank Axiaq .

Il-Qorti ;

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi inti responsabbli għal l-inċident stradali illi ġara fl-10 ta' Marzu 1998 fi Triq San Lawrenz, Għarb, bejn il-vettura AAD 491 proprjeta' ta' u misjuqa minnek, u l-vettura IAZ 467 Proprjeta' ta' u misjuqa mill-attur, u dan minħabba sewqan traskurat u esaġerat, minħabba illi inti inqast iżżomm fuq in-naħa proprja tat-triq, u minħabba illi inti inqast tosserva r-regolamenti tat-traffiku, tikkundannak tħallas lill-attur id-danni sofferti minnu per konsegwenza ta' l-istess inċident

. Bl-interessi fuq din is-somma sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja ta' l-1 ta' Ottubru, 1999, kontra tiegħek .

Bl-inġunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti nġunt .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana għaliex ġara unikament ħtija tas-sewqan negliġenti da parti ta' l-attur li naqas li jżomm a proper look out, saq on the crown of the road .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawża tittratta kollizjoni stradali li seħħet bejn karozza misjuqa mill-attur u oħra misjuqa mill-konvenut . Il-ħabta seħħet fi Triq San Lawrenz, l-Għarb, Għawdex, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.), meta it-triq kienet għadha xi ftit imxarrba bin-nida . Fil-ħin ta' l-inċident l-attur kien qed jipproċedi fid-direzzjoni ta' San Lawrenz u l-konvenut kien għaddej mill-istess triq fid-direzzjoni opposta . Il-ħabta seħħet billi, hekk kif avviċinaw parti dejqa tat-triq, iż-żewġ sewwieqa applikaw il-brejkijiet tal-karozza tagħhom fi sforz inutili li jevitaw li jaħbtu . Iż-żewġ vetturi kellhom il-ħsara kkonċentrata fuq in-naħa ta' quddiem tal-lemin tal-vetturi rispettivi, bid-differenza illi l-karozza tal-konvenut kellha wkoll daqqa fuq il-kantuniera tax-xellug ta' wara, peress illi bl-impatt reġgħet lura u ħabtet ma' ħajt ta' bini fuq dik in-naħa tat-triq[1] .

Dawn huma l-verżjonijiet li taw is-sewwieqa lis-surġent Anton Schembri '*a tempo vergine*', meta dan ġie msejjaħ fuq il-post in segwitu għall-ħabta . L-attur qal :

---

[1] Ara okkorrenza u skizz relattiv esebiti a fol. 2 - 5 tal-process .

"*I was driving towards San Lawrenz at a velocity of less than 40 k.p.h. and the Escort car was coming from the opposite direction and after he applied the brakes, I applied mine . His car skidded forward and collided against my car.*"

Il-konvenut spjegalu illi : " *I was driving my car at a moderate speed down at St. Lawrence Street towards Fgura . I saw the other car coming from the opposite direction . I applied the brakes, my car skidded forward, collided against car IAZ 467 and then bumped backwards and collided against the façade of residence No. 11."*

Minn eżami ta' li skizz redatt mis-surġent li investiga dan l-inċident, kopja ta' liema ġiet esebita fl-atti tal-kawża, rriżulta illi:

1. Iż-żewġ vetturi jidhru illi kienu qed jiġu misjuqa sewwa fuq il-kareġġjata rispettiva tagħhom ;

2. dik ta' l-attur tidher xi ftit maqlugħa 'l barra minħabba illi kien hemm karozza pparkjata mal-ġemb tat-triq fuq in-naħa tax-xellug tagħha, u lanqas setgħet terġa' tidħol 'l ġewwa wara li qabżet l-istess karozza peress, illi mbagħad kien hemm bankina toħroġ 'il barra sal-wisgħa ta' l-istess karozza pparkjata ;

3. dik tal-konvenut ukoll kellha taqla' xi ftit 'l barra hija u tavviċina l-parti dejqa tat-triq, peress illi fuq in-naħa tagħha wkoll kien hemm ħajt ta' bini maqlugħ 'il barra ;

*4.* Il-vettura ta' l-attur ħalliet *brake-marks* ta' 6.10 metri mir-roti tal-lemin u 4.90 metri mir-roti tax-xellug; filwaqt illi dik tal-konvenut ħalliet marki ta' 12.95 metri mir-rota tax-xellug u 12 metri mir-roti tal-lemin ;

5. li spot of impact tidher kważi preċiz on the crown of the road ;

6. Il-parti kareġġjabbli tat-triq fejn seħħet il-kolliżżjoni kien fiha ftit aktar minn erba' (4) metri wisgħa u għalhekk kienet tippermetti illi żewġ vetturi tal-kobor ta' dawk involuti f'dan il-każ jgħaddu fl-istess ħin ma' ġemb xulxin bi ftit ta' attenzjoni .

Fid-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti ż-żewġ kontendenti, apparti li bejn wieħed u ieħor ikkonfermaw il-verżjonijiet li kienu taw lis-surġent, waħħlu f'xulxin dwar *over-speeding* . Il-*brake-marks* imħollija mill-vettura tal-konvenut evidentement jindikaw illi dan kien għaddej b'xi madwar erbgħin (40) k.f.s. Dawk ta' l-attur, għalkemm *per se* jindikaw illi huwa kien miexi b'veloċita' baxxa, madankollu, sew minn dak li qal il-konvenut fis-sens illi l-attur applika l-*brakes* proprju fl-aħħar mument biss ta' qabel il-ħabta, kif ukoll għax irriżulta illi bl-impatt il-karozza tal-konvenut treġġgħet lura, tant li baqgħet dieħla ġol-ħajt tax-xellug, jidher illi l-attur ukoll kien għaddej b'ċerta veloċita' xejn konsiljabbli għal dik il-parti tat-triq, speċjalment tenut kont illi t-triq kienet xi ftit tiżloq minħabba n-nida .

F'tali ċirkostanzi, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi għal din il-kolliżżjoni jaħtu ż-żewġ kontendenti ndaqs, billi t-tnejn li huma kienu qed isuqu b'ċerta veloċita' li ma ppermettilhomx jikkalkolaw tajjeb biżżejjed ħalli jevitaw li jolqtu lil xulxin, ħaġa li setgħu faċilment jagħmlu kieku kienu għaddejjin xi ftit aktar bil-galbu, f'parti tat-triq li kienet tirrikjedi daqsxejn aktar prudenza fis-sewqan .

Mir-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat sabiex jistma l-ħsara fil-vettura ta' l-attur, jirriżulta illi dan ġarrab danni ikkalkolati fis-somma ta' disa' mitt lira maltija (Lm900), fuq karozza li ġiet dikjarata *a total loss,* u meħud in konsiderazzjoni s-*salvage value* ta' mitt lira (Lm100) li kien jiġbor l-attur, kieku ddispona mill-vettura tiegħu ftit wara l-ħabta, minflok qabad u abbandunaha f'għalqa għal dawn is-snin kollha[2] . Billi l-kontendenti ġew dikjarati responsabbli ugwalment għal din il-ħabta, jiġi illi huwa

[2] ara rapport tal-espert tekniku Tarcisio Mercieca u dokumenti annessi a fol.55 - 58 tal-process .

dovut lill-attur l-ammont ta' erba' mija u ħamsin lira maltija (Lm450) .

Ghal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiddikjara lill-kontendenti ugwalment responsabbli għall-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' disa' mitt lira maltija (Lm900) u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur nofs din is-somma, u ċioe' erba' mija u ħamsin lira maltija (Lm450) .

L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati ugwalment bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------